MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 12/2007

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Carmelo Chircop

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 468639(M) akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, nhar il-11 ta’ Ottubru 2006, ghal habta ta’ nofs in-nhar neqsin kwart (11:45hrs), gewwa Triq il-Bajja San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Giuseppi Chircop, dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. hebb kontra Giuseppi Chircop sabiex jingurja, jdejjaq u jaghmillu hsara, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Giuseppi Chircop jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti (Art 383 ta’ Kap 9).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jippotizzaw l-feriti ta’ natura gravi kkagunati mill-imputat fuq il-persuna ta’ huh Giuseppe u l-offiza kontravenzjonali tal-hebb li hija assorbita fl-ewwel.

Issa l-ferita gravi li biha l-imputat hu akkuzat tikkonsisti filli huh sofra ksur fi tlett kustilji. Jinghad fir-rapport tar-radjografija (folio 10) li l-griehi kienu jikkonsistu f’”left sided rib fractures with some pleural haemotama formation…”. Jirrisulta wkoll li l-ksur jew l-possibilita’ ta’ ksur gie inizjalment riskontrat mit-tabib kuranti tal-kwerelant l-ghada tal-incident u kkonfermat mill-X-rays li ttiehdu fit-18 ta’ Ottubru, jigifieri cirka gimgha wara.

Illi mix-xhieda tal-kwerelant u l-imputat johrog fic-cert li fil-gurnata tal-11 ta’ Ottubru 2006 sehh bejniethom l-incident meritu dina l-kawza. Huwa fil-modalita’ ta’ kif gara l-incident li z-zewg partecipanti ma jaqblux. Skond il-kwerelant kien huh li aggredieh; jghid li dak il-filghodu kien telaq jimxi mill-hanut li ghandu fil-bajja ta’ San Gorg fid-direzzjoni ta’ Bay Street u kif wasal fit-tarf tat-triq u ghamel biex idur lura sab lill-akkuzat ma’ wiccu li imbuttah u

minhabba f'hekk waqa' mal-art fejn jallega li qala' xi daqqiet f'sidru. L-akkuzat, da parti tieghu jghid li kien qed jirritorna d-dar mill-mixja li jaghmel kuljum. Kien gej minn naha ta' Bay Street u kien wasal qisu f'nofs il-bajja meta f'daqqa u l-hin hareg huh minn wara l-genb tal-kjosk u tah daqqa ta' ponn f'wiccu; hemmhekk gew fl-idejn.

Illi rinfaccjata b'dawn il-versjonijiet kontrapposti din il-Qorti ttenni li l-principju predominanti hu li persuna hija responsabbli ghal konsegwenzi necessarji u probabbli tal-azzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant, issib u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 214, 216 (1d), 339(e), 17 tal-Kap 9. Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mil-lum u tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 billi tpoggih taht garanzija ta' sena taht penali ta' 233 euro li ma jdejjaqx jew jimmolesta lill-kwerelant huh Giuseppe Chircop.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------